MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 932/1996/1

**Francis u Doris konjugi Cilia**

**Vs**

**Vincent Smith**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi dawk id-danni li ghandhom jigu likwidati jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi kagunati mill-konvenut fl-incident awtomobilistiku li gara fis-26 ta' Marzu 1996 fi Triq is-Salini limiti tal-Maghtab bejn Trukk Toyota numru ta' registrazzjoni D-2547(M) misjuq mill-attur u karozza Fiat H-4140 (M) misjuqa mill-konvenut u liema incident awtomobilistiku gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Gunju 1996 . Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Id-danni kagonati ma jammontawx ghal iktar minn Lm400.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 u fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi huwa ma ghandux tort ghall-incident stradali liema incident gara tort unikament tal-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi dwar din il-kollisjoni, din grat fit-triq li tiehu mit-Telgha ta' Alla u Ommu fil-limiti ta' San Pawl tat-Targa sa Triq is-Salini, fejn hemm trejqa maghrfua bhala 'Ta' Serena' (ara l-iskizz, kif korrett, esebit in atti minn PS 492 George Vella a fol 23). Ta' minn jinnota li l-istess Fizzjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz ma sab xejn fuq il-post tal-incident sabiex jara fejn kien l-'spot of impact' bejn iz-zewg vettura involuti (ara fol 19 ibid). L-istess fizzjal esebixxa kopja tar-rapport (fol 20 sa 22 ibid), fejn olte li nizzel dak li stqarru l-partijiet involuti f'dan il-kaz innota ukoll li l-konvenut kien indikalu li ma kienx ra l-'indicator' mixghul fuq il-vettura misjuqa mill-attur, li l-hgieg tal-'indicators' tal-istess vettura kienu mahmugin 'Pero meta rahom il-Pulizija, l-indicator tal-lemin kien nadif pero' tax-xellug kien mahmug. Meta mistoqsi (l-attur) cahad li huwa kien naddaf l-indicator.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, fix-xhieda tieghu jsostni (a fol 14 u 28 et seq ibid) illi, sabiex jdur mit-Triq principali u jidhol fl-imsemmija trejqa, hu hares fil-mera' ta' wara u ma ra lil hadd. Fi kliemu stess 'Hrigt il-hands tal-vann halli ndur'. Meta dar lejn il-lemin u 'kont kwazi lhaqt dort (u dahal gewwa fl-istess trejqa) ….. f'daqqa wahda gie l-konvenut minn wara' u l-vettura ta' dan kaxritlu l-genb kollu tal-lemin (ara

r-ritratti esebiti minnu a fol 13 ibid). In kontro ezami, hu specifika li l-'spot of impact' kien fejn gie markat b' 'X' fuq l-imsemmi skizz u sostna dan il-punt minhabba trab mill-karozza tal-konvenut kif ukoll minn 'bococ tar-roti tieghu'. Fl-ahhar nett, l-attur semma' li, wara l-habta, l-konvenut kien skuza ruhu ghal dak li gara '… ghax kont skurmentat'. Inoltre cahad li kellu trab jew tajn fuq l-indicator ta' wara.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 47 u 55 et seq ibid) xehed li, fit-Triq ghan-nizla in kwisjtoni, kien qed jsuq il-karozza 'Fiat strada' numru H 4140 u quddiemu kien hemm van jinsaq bil-mod hafna u vicin il-hajt tax-xellug. Hawnhekk, wara li ra li ma kienx gej aktar traffiku mid-direzzjoni opposta li l-imsemmi van ma kellux l-indicator mixghul hu xeghel l-indicator tieghu minghajr ma daqq il-horn u beda jissorpassa l-istess van izda 'Kif ezatt, tista 'tghid qbist nofs il-van, dan dar ghall-gharrieda lejn il-lemin' sabiex jidhol fl-imsemmija trejqa. Konsegwentement, saret il-habta li kkagunat hsara, fuq il-karozza tieghu fuq quddiem kollu. Wara l-incident il-konvenut semma li kif kien irrimarka fost kliem iehor, illi l-indicator tal-vettura tal-attur ma kienx mixghul, dak il-hin, beda jixghel l-istess indicator. Hu semma ukoll li l-vettura tal-attur kellha id-dawl kollu taghha 'mghotti bit-tajn' u ghalhekk, anke kieku kien mixghul hu ma setax jarah. Inoltre hu kien ra lill-istess attur jnaddaf id-dawl fuq wara fuq il-lemin.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher:-

1) illi l-konvenut mar sabiex jezegwixxi manuvra ta' sorpass, wahda li ghandha tigi konsiderata bhala riskjuza u ghalhekk trid tigi esegwita bl-akbar kawtela u attenzjoni possibbli specjalment f'kaz bhal dak in esami fejn ma hemmx indikata permezz ta' linja, fuq it-triq, il-karreggjata ta' sorpass. F'dan il-kaz, u dana a basi ta' 'res ipsa loquitur' il-konvenut ma uzax dik il-prudenza rikjesta u kif deskritta u sahansitra 'ex admissis' seta' mar xi ftit, fuq in-

naha l-ohra tat-triq waqt li kien qed jezegwiha (ara fol 55 ibid). Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritentut responsabbli delittwalment ghal dan l-incident.

2) illi, pero, jidher ukoll li l-attur kien qed jsuq il-van tieghu bl-indicators fuq wara mhux skond kif trid il-ligi. Hu probabbli hafna li l-attur, wara l-incident, naddaf, l-indicator tal-lemin mit-trab u tajn li kien hemm u b'hekk, l-istess indicator, ma jidhirx li kien vizibbli, jekk, fil-fatt, gie mixghul.

Illi fid-dawl tal-premess, l-attur u l-konvenut ghandhom jigu ritenuti koresponsabbli ghal dan l-incident stante li l-istess kollisjoni giet kawzata kif hemm fuq inghad. In rigward, il-kwota ta' responsabbilta, din qed tigi ffissata 'arbitrio boni viri' kwantu ghal zewg terzi a karigu tal-konvenut u terz (1/3) a karigu tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-attur ma semmiex id-danni kagunati fuq il-vettura tieghu, izda esebixxa d-dokumenti a fol 31 u fol 31A konsistenti fi stima tal-istess danni (ara, ukoll, ix-xhieda ta' Philip Debono a fol 39 ibid). Skond l-istess stimi, id-danni totali jammontaw ghal Lm349.45,0. Dan l-ammont jidher gustifikat fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Pero ma tistax tigi akkolta talba in rigward stima ghal kiri ta' karozza 'for six days in June' kif hemm imnizzel a fol 31A tal-atti.

Illi, ghalhekk, il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm232.96,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti in rigward it-talbiet in esami tiddikjara lill-konvenut bhala ko-responsabbli ghall-incident in esami minhabba sewqan traskurat u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut fi kwota ta' zewg terzi (2/3).

2) tillikwida l-ammont ta' danni dovut mill-konvenut lill-atturi fis-somma ta' Lm232.96,0 u;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma ta' Lm232.96,0 bl-imghax legali mill-25 ta' Settembru 1996 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes dawn jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi.

Grezzju Galea
Dep.Reg